KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 15_17/02/10 VI**

## MINUTI TAL-ĦMISTAX- IL SEDUTA

**Il-ħmistax-il seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet l-Erbgħa **17 ta' Frar, 2010** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Kunsilliera:** | **Martin Debono**<br>**Yves Bobby Cali**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Julian Galea**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Cyrus Engerer (attenda il-laqgħa fil-17.30p.m.)**<br>**Nicolai Gauci**<br>**Marianne Aquilina** |
| **Dep. Seg. Eżekuttiv:** | **Althea Borg** |
| **Skużat:** | **Viċi-Sindku Johanna Gonzi**<br>**Patrick Pace** |

Is-seduta bdiet fil-4.30pm ta' fil-għaxija b'din l-aġenda

1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 13_20/01/10VI u tas-seduta 14_03/02/10 VI
2. Materji konnessi mal-minuti
3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Deputat Segretarju Eżekuttiv
4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. Affarijiet oħra
7. Deċiżjoni dwar id-data tas-seduta tal-Kunsill li jmiss

**1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 13_20/01/10VI u tas-seduta 14_03/02/10 VI**



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 04 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

1.1 Is-Sindku Nikki Dimech ippropona li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 13_20/01/10VI, u l-minuti tas-seduta 14_03/02/10 VI filwaqt li l-kunsillier B. Cali ssekondah. Il-kunsilliera M. Debono, S.Camilleri, M. Aquilina, J. Galea, E. Cushcieri, N. Gauci, ivvotaw favur. Il-minuti ġew approvati.

**2. Materji konnessi mal-minuti**

Ġiet emendata sentenza rigward il-minuti tas-seduta 13_20/01/10 VI punt 3.11 fejn minnflok xelter jagħti għal ġo Triq Dingli, ix-xelter jagħti minn Triq Blanche għal ġo l-iskola tal-Gvern. Kien hemm qbil unanimu u b'hekk il-minuti ġew emendati u approvati.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonjiet mis-sindku/deputat segretarju eżekuttiv**

3.1 Is-sindku għarraf lill-membri tal-kunsill preżenti li l-Kunsill kellu jieħu deċiżjoni rigward it-talba mid-Dipartiment tas-Saħħa kif ukoll mingħand it-Tabib West rigward il-Berġa. Filwaqt li kemm il-Viċi Sindku kif ukoll il-kunsillier P.Pace kienu skużati milli jattendu din il-laqgħa, id-deputat segretarju spejgat x'kienu t-talbiet tagħhom wara li kienet inżammet laqgħa l-kunsill u preżenti kien hemm il-viċi sindku.

Id-Dipartiment talab:

1. Sabiex il-kamra tal-Berġa tkun mgħoddija lilhom bla kirja kif ukoll b'mod perpetwu
2. Meta kien ser jsir il-ftehim sabiex jibdew ix-xogħolijiet fil-berġa
3. Kif ukoll użu tal-*boardroom* tal-Kunsill sabiex jsiru sessjonijiet ta' taħriġ rigward is-saħħa għar-residenti

Minn naħa tagħna aħna infurmajna li dawn it-talbiet irridu jitressqu quddiem il-Kunsill kif ukoll tlabna sabiex l-ħinijiet tal-Berġa jitwalu kif ukoll nhar tat-tlieta tibda tinfetaħ ukoll u jsiru xi forma ta' terapija kif ukoll jingħataw servizzi oħra lill-komunita'.

Wara diskussjoni ġie deċiż li ma' nistgħux nagħtuhom risposta għaliex il-Kunsill qiegħed fil-istadju li jagħmel *re-furbishment* tal-uffiċċini u ser tkun allokata *area* għall-Berġa pero' mhux fejn qegħda preżenti.

Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu għal din id-deċiżżjoni.

3.2 Is-Sindku N. Dimech informa lill-Kunsilliera, li preżenti kien hemm is-Sur Edward Martin li f'Diċembru 2009 kien għamel talba formali sabiex jitnaqqsu l-attivitajiet li jsiru fil-Ġnien Indipendenza minħabba l-istorbju eċċessiv li kien qed jikkawżaw inkonvenjent kbir lir-residenti. Din it-talba ma' kienetx ġiet milqugħa għaliex ġiet interpretata ħażin. B'hekk is-Sur Martin xtaq li jispjega lill-Kunsill ir-raġunijiet. Għalhekk is-Sindku ssospenda s-seduta sabiex ikun jistgħa jitkellem is-Sur E. Martin.

Seduta ġiet sospiża fis-16.50p.m.

Is-Sur Martin spejga l-inkonvenjenza li kienu qed isofru r-residenti minħabba storbju u mużika qawwija meta jitellgħu xi attivitajiet minn soċjetajiet. Spejga li għalkemm huma kienu talbu li l-attivitajiet jitnaqqsu għall-weekend f'xahar hu qal ukoll li attivitajiet oħra ma kienux qed idejqu lir-residenti għalhekk qal li wieħed għandu jsib bilanċ sabiex jiġu

moderati dawn l-inkonvenjenzi. Il-Kunsilliera preżenti qalu li l-attivitajiet ma' setgħux jitnaqqsu pero' ser jieħdu l-passi kollha neċċessarji sabiex il-puluzija tirregola dawn l-attivitajiet kif ukoll l-istorbju eċċessiv. Wara l-ispjegazzjoni tas-Sur Martin is-Sindku kompla s-seduta.

Seduta tkompliet fil-17.07p.m.

Rigward din il-proposta s-Sindku propona li jsir riżoluzzjoni speċjali. Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekondah u l-membri preżenti kollha ivvutaw favur sabiex terġa tkun ikkonsidrata t-talba tas-Sur Martin eventwalment peress li din il-proposta ma kientx spejgata sew u ġiet interpretata ħażin.

3.3 Is-Sindku ressaq talba mingħand CareMalta sabiex jiġu organizzati żewg korsijiet ta' tlett siegħat il-wieħed li jkopru 15 il-persuna bi prezz ta' €150 kull kors. Il-korsijiet jittrataw fuq *Dimentia* u *Handling the Elderly*. Huma korsijiet speċifikati għal dawk il-familji li jinsabu f'dawn is-sitwazzjonijiet. Kien hemm qbil unanimu qalb l-kunsilliera preżenti sabiex isiru dawn il-korsijiet u biex minn ħmistax ir-ruħ jattendu għoxrin ruħ kull kors.

3.4 Il-Kunsillier J. Galea informa lill-kunsilliera preżenti bis-sitwazzjoni preżenti rigward l-iżvilupp tal-lukanda Metropole ġewwa Triq Dingli. Meta mar l-uffiċċjal tal-MEPA fuq il-post, il-perit ta' l-iżvilupp qallu li ma' kienx lok li jsir is-*survey* fuq ix-xelter (dan hemm klawzola fil-permess tal-MEPA li kien għamel il-Kunsill li sabiex jibda dan l-iżvilupp ix-xelter ta' ma' ġenb il-lukanda għandu jsir *survey* u jiġi protett) Pero' peress li x-xelter kellu ftit ilma dan is-*surve*y ma' sarx u l-kunsillier J. Galea ressaq proposta sabiex jinħatar is-Sur Edward Said bħala konsulent u espert fuq ix-xelters. Kif ukoll il-kunsill jitlob lill-MEPA sabiex tinvestiga dan il-każ għaliex kien hemm ksur f'waħda mill-klawżoli tal-permess. Kien hemm qbil unanimu rigward dan.

3.5 Is-Sindku N. Dimech ressaq talba sabiex il-Kunsill jinforma kemm il-puluzija kif ukoll id-distributur tal-Gas li jqassam iċ-ċilindri ġewwa Triq il-Kulleġġ l-Antik b'irregolarita' kbira kif ukoll b'periklu kbir għaliex is-sidien ta' 94 Triq il-Kulleġġ l-Antik qegħdin jixtru diversi ċilindri tal-gas iżjed minn sitta sabiex dawn ikun jistgħu jerġgħu jbiegħhom u l-garage qed jintuża bħala store għal dawn iċ-ċilindri. Il-Kunsilliera qablu sabiex jittieħdu l-passi neċessarji b'mod unanimu.

3.6 Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti sabiex issir bye-law rigward permessi ta' garages. Din it-talba tresqet mill-Kunsilliera Sandra Camilleri għaliex f'Tas-Sliema qed ikun hemm ħafna abbużi u minflokk garaxxijiet dawn qegħdin jintużaw bħala stores.

3.7 Is-Sindku N. Dimech ressaq proposta mill-kumpanija GO sabiex dawn jpoġġu trailer ġewwa tas-Sliema darba sa darbtejn f'ġimgħa sabiex ikunu jistgħu jbieħħu l-merċa tagħhom. Il-Kunsill ma' qabilx ma' din il-proposta b'mod unanimu pero' lest li jikkonsidra din il-proposta meta issir laqgħa ma' din il-kumpanija.

3.8 Is-Sindku N. Dimech ressaq proposta minn għand il-Young Enterprise sabiex titella attivita ġewwa x-Xatt rigward Trade-Fair li ssir kull sena. Il-Kunsill qabel b'mod

unanimu ma din il-proposta.

3.9 Is-Sindku ressaq proposata sabiex jittella street party fl-1 ta' Mejju, 2010 mingħand Mr. Ceaser ġewwa ix-Xatt ta' Sliema. Il-maġġoranza tal-Kunsilliera ma' qablux ma' din id-deċiżżjoni minħabba storbju eċċessiv li jistgħa jikkawża inkonvenjent lir-residenti.

3.10 Is-Sindku ressaq proposta sabiex jinħarġu tlett tenders rigward twaħħil u installazzjoni ta' *bollards*, twaħħil u installazzjoni ta' *sleeping police*, u tender rigward xiri ta' kull tip ta' zebgħa li juża l-Kunsill f'sinjali tat-traffiku u manutenzjoni tal-promenade. Il-Kunsilliera qablu b'mod unanimu.

3.11 Is-Sindku ressaq proposta sabiex dan il-Kunsill jimpjega skrivana oħra fuq skala 15. Dan għaliex il-Kunsill qed jaħdem b'żewġ impejgati inqas u hemm ħafna xogħol klerikali. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din il-proposta.

3.12 Is-Sindku ressaq it-tenders kemm tal-Photovoltiac Cells kif ukoll Tal-Fairy Lights matul il-promenade peress li dawn kienu diġa ġew eżaminati mill-board li kien inħatar biex jinfetħu dawn iż-zewg tenders. Rigward it-tender tal-Photovoltiac Cells is-Sindku ippropona li tingħata lill-kumpanija Recowatt Co Ltd bi prezz ta' € 9975. Is-Sindku ppropona u ġie sekondat mill-Kunsillier B. Cali, filwaqt li l-kunsilliera N. Gauci, M. Debono, S. Camilleri, J. Galea, E. Cuschieri ivvutaw favur astjenew il-Kunsilliera M. Aquilina u C. Engerer għaliex is-sur Engerer ma kienx preżenti waqt li kienu qegħdin jidduskutu t-tenders peress li ġie tard għall-laqgħa. Filwaqt li t-tender tal-Fairy Lights ġiet mgħotija bla xkiel ta' xejn lill-PMG għaliex il-kumpanija Light Design Solutions li tefgħat it-tender flimkien ma' PMG ma' ikkowtax l-installazzjoni tal-Fairy Lights kif kien mitlub mill-Kunsill Lokali. Light design solutions ikkowtaw bi prezz ta' €56505 inkluz il-VAT pero' mingħajr installazzjoni. PMG ikkowtaw bi prezz ta' € 61290 inkluz il-VAT u € 35280,78 għall l-installazzjoni. Kien hemm diskrepanza ukoll fuq l-ammont ta' metraġġ infatti il-Kunsill talba 2600m u Light Design Solutions ikkwotaw fuq 2000m, kif ukoll ikkwotaw fuq 24V u mhux 12V għalhekk kien hemm qbil unanimu sabiex il-kumpanija PMG tirbaħ dan it-tender.

3.13 Is-Sindku ippropona sabiex niktbu ittra kemm lil E.T. l-Arċisqof ta' Malta, kif ukoll lill-Kumitat Organizzativ rigward iż-żjara ta' l-E.T. il-Papa Benedittu ġewwa pajjiżna. Dan għaliex wara li s-Sindku kellu laqgħa rigward iż-żjara tal-Papa kien sar magħruf illi l-Pope Mobil ma kienitx ser tgħaddi minn mad-dawra tal-baħar iżda minn ġewwa Triq Mrabat. Fost il-frustrazzjoni kbira tar-residenti inħasset il-ħtieġa immedjata sabiex nippruvaw nikkonvinċu kemm l-awtoritajiet kemm il-Kunsill Lokali li jagħmlu mal-periferija tagħna sabiex il-Papa jgħaddi minn max-Xatt. Jekk it-talba tal-Kunsill ma' tiġix milqugħa s-Sindku lest li joħroġ pubblikament u jagħmel stqarrija fejn juri d-diżappunt kbir tar-residenti kif ukoll tal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera preżenti sabiex tinkiteb din it-talba.

3.14 Is-Sindku ippropona sabiex il-Kunsill jamalgama mal-British Residents Association fejn hawn ħafna Inglizi jgħixu fil-lokalita' tagħhna u b' hekk inkunu nistgħu nolqtu l-esiġenzi ta' kulħadd. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

3.15 Il-kunsill irċieva korrispondenza mingħand Dr. Peter Borg Costanzi LL.D. sabiex tiġi organizzata Sliema Sports Week għal ħabta ta' November 2010. Dr. Peter Borg Costanzi LL.D. kien preżenti u għalhekk is-Sindku N. Dimech issospenda l-laqgħa sabiex Dr. Borg Costanzi LL.D jagħti spjegazzjoni lill-membri preżenti.

Is-seduta ġiet sospiża fis-18.05p.m.

Wara spejgazzjoni dettaljata rigward il-proposta sabiex il-Kunsill ikun jista' jtella' din l-attivita', fejn is-soċjetajiet sportivi kollha jiġu mistiedna sabiex jipparteċipaw, il-Kunsilliera laqgħu din it-talba u b'hekk is-Sindku reġa kompla s-seduta.

Is-seduta kompliet fis-18.14p.m.

Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu din il-proposta.

3.16 Is-Sindlu spejga lill-Kunsill kif ġiet innotata waħda mill-kundizzjonijiet fil-Bye-Law dwar reklamar fuq l-Internet li din saret mill-Kunsill preċedenti. Hemm parti minnha li hemm bżonn li tiġi emendata għaliex wieħed seta' jeħel multa jekk jillinkja mal-website tal-Kunsill għalhekk il-Kunsillier B. Cali ressaq talba sabiex inkelmu lill-avukat tal-Kunsill sabiex issir din l-emenda skond il-liġi. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu għal dan.

## 4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera

4.1 Il-Kunsillier E. Cuschieri ressaq proposta tal-Kunsillier Patrick Pace li ma' setgħax jattendi għal laqgħa tal-Kunsill fejn qal li l-Partrijet Karmelitani għandhom bżonn jagħmlu xi xogħolijiet fuq il-bankina ta' quddiem il-Kunvent biex jitneħħew xi kaxxi tal-cables. Dan huwa meħtieġ wara li ħareġ permess mill-MEPA. Għalhekk il-Kunsill ser jiltaqa mal-patrijiet sabiex jiddiskutu aktar fid-dettal dawn ix-xogħolijiet.

4.2 Il-Kunsillier J. Galea ressaq talba mill-SRA sabiex isir laqgħa mal-Lands Department, Kunsill u SRA wara li l-SRA għamlu rapport fuq il-kiosks u l-inkonvenjenzi li qegħdin joħolqu. Il-Kunsill ma laqax it-talba ta' l-SRA għaliex hu fi ħdan il-Kunsill li jagħmel laqgħa mal-Lands u SRA ma' jiġux involvuti.

4.3 Il-Kunsillier J. Galea ressaq ukoll talba sabiex jiġi iffurmat sotto-kumitat rigward it-tabelli informattivi għat-turisti kif ukoll għar-residenti madwar Sliema fejn juru ritratti u informazzjoni dwar Sliema fil-passat u l-preżent. Il-fondi kien ser jiġu wara applikazzjoni mill-fondi ta' l-EU. Għalhekk dan is-sotto-kumitat li jikkonsisti mis-sur Peter Paul Portelli, Winston Azzopardi, Guido Lanfranco, Tony Terrible, Mario Fenech kif ukoll mill-Kunsilliera E. Cuschieri, J. Galea u B. Cali ser jittratta dan il-proġett biss. Il-kunsill qabel b'mod unanimu.

4.4 Il-Kunsillier J. Galea reġa ressaq it-talba li kienet għamlet is-Sinjura Astrid Vella rigward il-proġett mill-istudenti universitarji dwar Villa Boniċi. Il-Kunsill kien ġa talab ir-rimarki ta' l-avukat tal-Kunsill u preżentament il-Kunsill għadu ma' ingħatax risposta.

4.5 Il-Kunsillier C. Engerer għamel proposta sabiex ic-Circular Bus jiżdied ħin u *trip extra* filgħaxija sabiex ir-residenti ikunu jistgħu jattendu attivitajiet tard filgħaxija sakemm tiġi fis-seħħ ir-riforma tat-trasport pubbliku. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu.

staqsiet x' ġara rigward u jekk jaċċettax tweġiba

4.6 Il-Kunsilliera S. Camilleri ressqet każ tal-parker li jkun fil-*car park* tal-Ferries ġewwa x-Xatt tas-Sliema. Is-Sindku spjega kif dan ma' jaqax taħt il-kompetenza tal-Kunsill iżda tal-MEPA u ADT.

4.7 Il-Kunsillier M. Debono ressaq proposta flimkien mal-Kunsillier B. Cali sabiex isir eżercizzju biex l-anzjani ikkollhom aċċess kif jixraq biex jinżlu l-baħar. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu.

### 5. Approvazzjoni tal-pagamenti

5.1 Il-Kunsillier E. Cuschieri ppropona li tiġi approvata l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 10902 sa 10992. Is-Sindku N.Dimech ssekondah. Il-pagamenti ġew approvati bi qbil unanimu.

### 6. Affarijiet oħra

Ma kien hemm xejn iżjed x'jiġi diskuss.

### 7. Deċiżjoni dwar id-data tas-seduta tal-Kunsill li jmiss

Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Marzu, 2010 fil-5.30pm.

Is-seduta ntemmet fid-18.45pm.

**Nikki Dimech**
**Sindku**

**Althea Borg**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**